**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Bruxelles — il-Belġju) — Eurofit SA vs Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)**

**(Kawża C-99/12)** [1]

***(Talba għal deċiżjoni preliminari — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Regolament (KEE) Nru 3665/87 — Ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni — Użu ħażin tal-merkanzija intiża għall-esportazzjoni — Obbligu ta' rimbors mill-esportatur — Assenza ta' komunikazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tal-informazzjoni rigward l-affidabbiltà tal-kokontraenti, issuspettat bi frodi — Każ ta' forza maġġuri — Assenza)***

(2013/C 260/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Eurofit SA

*Konvenut:* Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal de première instance de Bruxelles — Interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1) — Obbligu ta' rimbors, min-naħa tal-esportatur, ta' ħlasijiet lura mħallsa fil-każ ta' użu ħażin tal-prodotti — Assenza ta' komunikazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tal-informazzjoni mitluba jew komunikazzjoni ta' informazzjoni żbaljata lill-esportatur, li jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri fis-sens tar-regolament imsemmi

**Dispożittiv**

*L-ommissjoni mill-awtoritajiet doganali kompetenti li jinfurmaw lill-esportatur dwar l-eżistenza ta' riskju ta' frodi mwettaq mill-parti kontraenti ta' dan tal-aħħar ma tikkostitwixxix każ ta' forza maġġuri fis-sens tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94 tat-2 ta' Diċembru 1994, u, b'mod partikolari, tal-ewwel inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament. Fil-każ li tali ommissjoni tkun tista' tikkostitwixxi każ eċċezzjonali fis-sens tat-tieni inċiż tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, hekk kif emendat bir-Regolament Nru 2945/94, hija ma tistax madankollu teżenta lil dan l-esportatur mill-obbligu tiegħu li jirrimborsa l-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni mħallsa indebitament, peress li dan tal-aħħar huwa eżentat biss mill-pagament tal-penalitajiet dovuti bis-saħħa ta' dan l-istess Artikolu 11.*

[1] ĠU C 138, 12.05.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad Plovdiv — il-Bulgarija) — AES-3C MARITZA EAST 1 EOOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite**

**(Kawża C-124/12)** [1]

***(Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 168(a) u 176 — Dritt għal tnaqqis — Spejjeż li jirrigwardaw l-akkwist ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi intiżi għall-persunal — Persunal imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuna taxxabbli li tinvoka d-dritt għal tnaqqis iżda impjegat minn persuna taxxabbli oħra)***

(2013/C 260/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad Plovdiv

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* AES-3C MARITZA EAST 1 EOOD

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Administrativen sad Plovdiv — Interpretazzjoni tal-Artikoli 168(a) u 176 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Kamp ta' applikazzjoni — Limitazzjoni tad-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Kumpannija li ma għandhiex il-persunal tagħha stess, iżda li tikri ħaddiema full time permezz ta' kuntratt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-persunal impjegat ma' kumpannija oħra — Rifjut tad-dritt li tnaqqas il-VAT għall-provvista ta' servizzi ta' trasport, ta' ħwejjeġ tax-xogħol u ta' mezzi ta' protezzjoni għall-ħaddiema kif ukoll għall-ispejjeż għall-missjonijiet tal-ħaddiema, minħabba li s-servizzi huma pprovduti mingħajr ħlas lil persuni fiżiċi li jaħdmu għall-kumpannija mingħajr ma huma impjegati minnha

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 168(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li*

*tistabilixxi li persuna taxxabbli li ssostni spejjeż għal servizzi ta' trasport, ta' ħwejjeġ tax-xogħol, ta' mezzi ta' protezzjoni u ta' missjonijiet ta' persuni li jaħdmu għal din il-persuna taxxabbli ma għandhiex dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata ma' dawn l-ispejjeż, minħabba li l-imsemmija persuni jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha minn entità oħra u ma jistgħux għalhekk jitqiesu, fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, li jkunu membri tal-persunal tal-persuna taxxabbli, minkejja li l-imsemmija spejjeż jistgħu jitqiesu li huma marbuta b'mod dirett u immedjat mal-ispejjeż ġenerali marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi kollha tal-imsemmija persuna taxxabbli.*

(2) *It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fil-mument tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, Stat Membru jintroduċi limitazzjoni għad-dritt għat tnaqqis skont dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tipprovdi l-esklużjoni tad-dritt għat tnaqqis ta' oġġetti u ta' servizzi intiżi għal kunsinni jew provvisti mingħajr ħlas jew għal attivitajiet li ma jkunux parti mill-attività ekonomika tal-persuna taxxabbli, meta din l-esklużjoni ma tkunx prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ sad-data ta' din l-adeżjoni.*

*Hija l-qorti nazzjonali li għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn huwa possbbli, skont id-dritt tal-Unjoni. Fil-każ li tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, il-qorti nazzjonali għandha tiddeżisti milli tapplika dawn id-dispożizzjonijiet minħabba inkompattibbiltà mat-tieni subparagrafu tal Artikolu 176 tad-Direttiva 2006/112.*

([1]) ĠU C 151, 26.05.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-18 ta' Lulju 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — l-Italja) — Consiglio Nazionale dei Geologi vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato u Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato vs Consiglio Nazionale dei Geologi**

**(Kawża C-136/12)** ([1])

***(It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE — Portata tal-obbligu ta' rinviju mill-qrati tal-aħħar istanza — Artikolu 101 TFUE — Kodiċi tal-etika ta' ordni professjonali li jipprekludi l-applikazzjoni tat-tariffi li ma jikkorrispondux għad-dinjità tal-professjoni)***

(2013/C 260/22)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Consiglio Nazionale dei Geologi, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

*Konvenuti:* Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Consiglio Nazionale dei Geologi

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Consiglio di Stato — Interpretazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE — Portata tal-obbligu ta' rinviju tal-qrati tal-aħħar istanza — Kunċett ta' "ksur gravi u manifest tad-dritt tal-Unjoni" — Regoli u prinċipji proċedurali ta' Stat Membru li jipprojbixxu lil qorti nazzjonali, minn naħa, li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domandi manifestament inammissibbli fformulati minn parti u, min-naħa l-oħra li *ex officio* tifformula mill-ġdid dawn id-domandi — Interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (GEIE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 83), tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, p. 22) kif ukoll tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36) — Kodiċi ta' deontoloġija ta' ordni professjonali li tipprojbixxi li jiġu applikati tariffi li ma jikkorrispondux mad-dinjità tal-professjoni ("decoro e dignità professionale") kif ukoll għall-kwantità u għall-kwalità tas-servizzi pprovduti — Applikabbiltà ta' regoli nazzjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni iktar stretti minn dawk tal-Unjoni

**Dispożittiv**

(1) *It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina u tifformula d-domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li din tqis rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Regoli nazzjonali li għandhom l-effett li jostakolaw din il-ġurisdizzjoni ma għandhomx jiġu applikati.*

(2) *Ir-regoli bħal dawk stabbiliti mill-kodiċi tal-etika dwar l-eżerċizzju tal-professjoni ta' ġeologu fl-Italja, approvat mill-Consiglio nazionale dei geologi fid-19 ta' Diċembru 2006 u emendat l-aħħar fl-24 ta' Marzu 2010, li bħala kriterji għall-iffissar tal-onorarji tal-ġeoloġi jipprevedu, minbarra l-kwalità u l-importanza tal-provvista ta' servizz, id-dinjità tal-professjoni, jikkostitwixxu deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE li jista' jkollha l-effett li tirrestrinġi l-kompetizzjoni ġewwa s-suq intern. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-kuntest globali li fih japplika l-effetti tiegħu dan il-kodiċi, inkluż fid-dawl tal-kuntest legali nazzjonali kollu kif ukoll tal-prattika tal-applikazzjoni tal-kodiċi msemmi mill-Ordni Nazzjonali tal-Ġeoloġi, jekk l-effett imsemmi jinħoloqx f'dan il-każ. Il-qorti msemmija għandha wkoll tivverifika jekk, fid-dawl tal-provi rilevanti kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, ir-regoli ta' dan l-istess kodiċi, b'mod partikolari sa fejn jirrikorru għall-kriterju relattiv għad-dinjità tal-professjoni, jistgħux jitqiesu bħala neċessarji għall-implementazzjoni tal-għan leġittimu marbut ma' garanziji mogħtija lill-konsumaturi tas-servizzi tal-ġeoloġi.*

([1]) ĠU C 151, 26.05.2012.